*-DISPREZZ-*

*- ART. 988 SA 1003A TAL-KAP 12-*

*- ESEKUZZJONI TAS-SENTENZI U TITOLU ESEKUTTIVI -*

*- ART. 252 ET SEQUITUR TAL-KAP 12 -*

*- MANDAT IN FACTUM - ART. 385 KAP 12 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Marzu, 2001**

**Kawza Numru: 10**
**Citazzjoni Numru: 933/99/RCP**

**Registratur tal-Qrati Superjuri.**

**vs**

**John Vella.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi b'sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Novembru 1998 fil-kawza fl-ismijiet **"Deborah Vella vs John Vella"** Citazzjoni Numru 1777/95/GC, il-konvenut gie ordnat jirritorna l-oggetti mehuda minnu illegalment mid-dar konjugali, pero' l-konvenut naqas li jaghmel dan fiz-zmien prefiss lilu fis-sentenza; u li b'rikors ipprezentat fit-22 ta' Dicembru 1998, l-imsemmija Deborah Vella talbet *inter alia* li din il-Qorti tordna lill-attur Registratur tal-Qorti biex jibda proceduri ghad-disprezz lejn l-Awtorita' ta' din il-Qorti, dokument "X1"; u illi b'Digriet tat-3 ta' Marzu 1999, din il-Qorti ordnat lir-Registratur jibda proceduri formali kontra l-intimat, konvenut odjern, ghad-disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti, dokument "X2"; u li ghalhekk qeghda issir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess attur talab li din il-Qorti:-

(1) Issib lill-konvenut hati ta' disprezz ghall-awtorita' taghha fit-termini tat-Titolu XVIII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12); u

(2) Tikkundanna lill-konvenut ghall-pieni preskritti mill-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhirx huwa jista' jigi mgieghel jidher biex iwiegeb ghall-akkuza bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 8 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Novembru 1999 fejn il-kawza thalliet ghan-notifika tal-konvenut.

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smigh tal-kawza fit-2 ta' Dicembru 1999 u ma pprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Dicembru 1999.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Frar 2000 fejn il-kawza giet differita ghall provi attrici ghat-12 ta' April 2000.

Rat il-verbal tat-12 ta' April 2000 fejn Dr. Victor Zammit assuma il-patroncinju tal-attur, u talab differiment sabiex jiehu konjizzjoni tal-process, u l-kawza giet differita ghall-provi attrici u sabiex jigu esebiti d-dokumenti kollha relattivi ghall-24 ta' Mejju 2000 wara l-10,00.a.m..

Rat in-nota tal-attur tat-13 ta' April 2000 fejn giet esebiti kopja informi tas-sentenza citata fic-citazzjoni attrici bhala Dok. "X".

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Mejju 2000 fejn xehed Dr. Tonio Azzopardi, u l-konvenut imsejjah diversi drabi baqa'

ma deherx, u l-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni provi attrici ghas-27 ta' Gunju 2000 fl-10.00.a.m.

Rat il-verbal tas-27 ta' Gunju 2000 , tal-10 ta' Lulju 2000 u tal-5 ta' Dicembru 2000 fejn xehdu John Vella u Deborah Vella, u Dr. Victor Zammit iddikjara li ma ghandhux provi izjed, u l-Qorti akkordat lill-konvenut prezenti ghoxrin gurnata zmien sabiex jipprezenta nota tal-osservazzjonijiet bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu ghoxrin gurnata biex jirrispondi, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Marzu 2001.

Rat in-nota tal-konvenut tas-6 ta' Dicembru 2000 fejn esebixxa bhala Dok. "A" ricevuta datata 20 ta' Dicembru 1999 fejn Deborah Vella iffirmat li hija kienet irceviet l-oggetti kollha formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u proprjeta' parafernali *"in full and final settlement".*

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza fejn il-Qorti qed tigi mitluba sabiex issib lill-konvenut hati ta' disprezz lejn l-Awtorita' taghha, stante li ghalkemm b'sentenza datata 6 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet **"Deborah Vella vs John Vella"** (Citaz. Numru 1777/95/GC) kien instab hati ta' spoll kommess fil-konfront

ta' martu billi ha oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u parafernali ta' martu u deskritti fil-Mandat ta' Deskrizzjoni li l-istess martu kienet harget kontra l-konvenut ftit qabel il-kommissjoni tal-ispoll fid-29 u it-30 ta' Settembru 1995, u ordnatlu sabiex f'terminu ta' gimgha mid-data ta' din is-sentenza jirritorna l-istess oggetti li huwa ha lill-martu fid-dar konjugali, l-istess konvenut naqas li jaghmel dan.

Illi effettivament illum jirrizulta li l-oggetti gew effettivament ritornati kif jirrizulta mix-xhieda tal-istess konvenut, ta' Dr. Tonio Azzopardi, Deborah Vella, u fuq kollox mir-ricevuta *per saldo* li l-istess Deborah Vella irrilaxxat favur il-konvenut fil-20 ta' Dicembru 1999.

Illi dwar din il-kawza il-konvenut baqa' kontumaci, pero' l-kontumacja ma hijiex ammissjoni izda opposizzjoni, u l-attur xorta jrid jipprova d-dritt vantat minnu u wkoll l-fatti allegati.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti ghalkemm il-fatti allegati gew ippruvati, u cioe' li l-konvenut ma ottemperax ruhhu mas-sentenza citata fis-sens li ma irritornax l-oggetti indikati lill-martu fiz-zmien stipulat fl-istess sentenza, anzi jirrizulta li dan ghamlu biss hafna zmien wara u fil-mori ta' din il-kawza, din il-Qorti ma hijiex konvinta li din hija kwistjoni ta' procedura ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti, izda kwistjoni ta' esekuzzjoni ta' sentenza.

Illi fil-fatt is-sentenza hija titolu esekuttiv u ligi bejn il-partijiet, u ghalhekk sta ghall-istess partijiet li jfittxu li jesegwixxu s-sentenza bil-mezzi kontemplati bil-ligi fosthom il-mandati esekuttivi u fost dawn il-Mandat *In Factum*, li *ai termini* tal-**artikolu 345** jinhareg fuq ordni espressa tal-Qorti *"sakemm ma jaghmilx il-fatt ordnat mis-sentenza jew sakemm il-Qorti jidhrilha li hu mehtieg sabiex tizgura l-esekuzzjoni ta' dak il-fatt".*

Illi in effetti **t-Titolu VII fl-artikoli 252 *et sequitur*** jipprovdi ghall-esekuzzjoni tal-istess sentenzi u titoli esekuttivi ohra, u fl-**artikolu 273** huma indikati l-atti u l-mandati li bihom tkun tista' issir tali esekuzzjoni, dejjem b'ordni tal-istess Qorti.

Illi min-naha l-ohra it-**Titolu XVII** li jittratta dwar ir-*" RISPETT LI GHANDU JINGIEB LILL-QORTI"* jirreferi ghall-atti hemm indikati li jsiru b'disprezz lejn il-Qorti kemm *in facie curiae,* kemm fi skritturi prezenti fil-varji proceduri, u kemm lill-istess Qorti u lill-ufficjali taghha fuq ordnijiet taghha fil-proceduri minnha ordnati, u apparti dawk specifikatament elenkati fl-**artikoli 988,989, 991, 994, 995, u 996,** hemm l-**artikolu 997** li jirreferi in generali ghal kull ghemil jew nuqqas iehor mhux imsemmi fl-istess artikoli, *"illi jikkostitwixxi disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti",* u din il-Qorti thoss li dawn l-artikoli kollha taht **it-Titolu XVII** ma jirreferux ghall-esekuzzjoni tas-sentenzi, stante li dawn huma trattati separatament f'kapitolu iehor fl-istess Kodici gia fuq riferit.

Illi ghalhekk nonostante l-fatt li l-komportament tal-istess konvenut certament ma huwiex plawsibbli, pero' il-fattispecie tal-kaz ma jammontawx bhala dak li guridikament jissejjah *disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti,* u bhala tali ma jaqax taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 988 sa 1003 A tal-Kap 12,** u konsegwentement it-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi nonostante il-kontumacja tal-konvenut, **tichad it-talbiet attrici** bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**15 ta' Marzu 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**15 ta' Marzu 2001**